# 350 Sena mit-Twaqqif tal-Fratellanza tal-Immakulata Il-Legati taż-Żwieġ

minn

PAUL GEORGE PISANI

La confraternita era una associazione protettiva, sia dal punto di vista religioso sia sociale: rinforzava la fede per mezzo degli uffici, dei canti e delle lodi e della comunione; incoraggiava a remediare agli peccati commessi o solo pensati, proteggeva dalla dannazione eterna; spingeva a seguire una certa disciplina morale e compiere opere pie, ed entrambe le cose erano sostenute dalla solidarieta' corporattiva.

C.F. Black, (Trad. A. Farè), Le Confraternite Italiane del Cinquecento, Rizzoli, Milano, 1992, 333-4.

Nistgħu ngħidu li l-fenomenu tal-assoċjativiżmu, jiġifieri li l-bniedem jingħaqad f'għaqdiet ma' nies li jipprofessaw l-istess twemmin, idejali u aspirazzjonijiet tiegħu ħa spinta 'l quddiem fl-Ewropa kollha matul l-aħħar deċenji tas-seklu ħmistax. Permezz tal-kontroriforma n-numru ta' konfraternitajiet kiber u żdied. L-istess Kontroriforma iggwidat lill-konfraternitajiet lejn idejali ġodda, lejn orjentament reliġjuż ġdid, u cioé dak b'finalitajiet karitattivi. L-Ewropa f'dawn iż-żmenijiet għaddiet minn perjodu kbir ta' inflazzjoni, ta' ċaqlieq kbir finanzjarju u ta' tkabbir esaġerat fil-popolazzjoni. Dan kollu ħoloq għaks kbir li da parti tiegħu ħoloq fqar u vagabondi ġodda.[1]

Id-dinja Kattolika rrispondiet għal din is-sitwazzjoni bit-twaqqif ta' bosta istituzzjonijiet karitattivi u assistenzjali li min-naħa l-waħda kienu jipprovdu s-servizzi meħtieġa lill-fqar u min-naħa l-oħra kienu jipprovdu l-okkażjoni lis-sinjuri, lill-benefatturi li jirriskattaw rwieħhom, jirredimu rwieħhom, bl-opri tal-ħniena. Dawn l-istituzzjonijiet, fil-maġġjor parti tagħhom twaqqfu bl-inizjattiva karitatevoli ta' privati, li ħallew ġidhom għal skopijiet piji permezz ta' donazzjonijiet *inter vivos* jew permezz ta' disposizzjonijiet testamentarji.[2] L-istat (jekk nistgħu nitkellmu fuq sens ta' stat kif nafuh illum) u allura aħjar nitkellmu fuq il-ħakkiem, ma' kienx iħossu li huwa mgħobbi bil-piż li jgħin lill-klassijiet il-baxxi tas-soċjetà, jew almenu ma' kienx iħoss li għandu jagħmel dan bi dritt, iżda bil-bonagrazia – meta u jekk irid. Irridu niftakru, per eżempju, li sa żmien il-wasla tal-Ingliżi f'pajjizna, fis-sena 1800, il-pensjoni ma' kenitx dritt iżda kienet tiddependi mill-karità tal-ħakkiem, li kellu jiġi mitlub bil-ħniena, permezz ta' rikors, u imbagħad, skont jekk ikollokx 'qaddisin' jgħinuk, kont tista' tistenna tirċievi xi miżerja ta' ħlas *ex gratia*, bi pjaċir u mhux bħala dritt. Hekk, per eżempju ħaddiem fl-impieg tal-Ordni, wara li jkun ta' ħinu u saħħtu għal xogħlu, meta jimrad ma' kellux aktar dritt għas-salarju u għall-pensjoni. Din tal-aħħar kienet, kif għidna, fid-diskrezzjoni tal-ħakkiem. L-istess jista' jingħad għar-romol, li meta jmut żewġhom riedu jaraw kif ser jgħixu huma u uliedhom, issa li d-dħul tal-familja waqaf sobtu.



Għalhekk dawn l-assoċjazzjonijiet, il-fratellanzi, u għaqdiet simili twaqqfu, xprunati mill-Knisja, bħala assoċjazzjonijiet ta' *self help*, sabiex jgħinu lill-imsieħba, fl-affarijiet tar-ruħ u anke tal-ġisem. Kienu l-prekursuri tat-trade unions moderni, għaliex kienu jitkellmu mhux għas-singoli iżda għall-kategorija tal-imsieħba kollha, dejjem taħt il-patrunaġġ u l-umbrella tal-Knisja. U li ma kienx għal dan il-patrunaġġ, jista' jkun li kienu jiġu njorati jekk mhux ukoll imfixkla u mwaqqfa.

Semmejna li dawn l-assoċjazzjonijiet kienu jissuplixxu dak li suppost kien jagħmel l-istat, il-ħakkiem, li d-dmir sagrosant tiegħu kien (u għadu) li jagħti prijorità lid-dgħajjef u lil min jinħtieg l-aktar għajnuna.

Kif kienu jeżerċitaw l-opri tal-ħniena l-fratellanzi? Kienu diversi il-modi: karità, dota, ikel u akkomodazzjoni, ħwejjeġ, kura medika, tagħlim, self bil-monti tal-pjeta u minghajr interessi, żjajjar u wens lill-morda f'darhom, dfin fl-oqbra tal-fratellanza lill-imsieħba u lill-fqar, li kienu jissieħbu bħala membri fil-punt tal-mewt sabiex igawdi minn dawn il-beneficcju, u fl-aħħar bis-suffraġji għall-mejtin, imsieħba u l-erwieħ abbandunati.

Aħna illum ser nikkonċentraw fuq l-hekk imsejħa Legati taż-Żwieġ, fejn tfajliet fqar kienu jingħataw dota xierqa sabiex ikollhom bidu tajjeb għall-familja tagħhom. Dawn ġeneralment kienu jitwaqqfu permezz ta' testment minn benefatturi. X'kien ikun fihom dawn it-testmenti: interessanti li fil-preamobolu kien ikun hemm invokazzjoni pija, talba minn min jagħmel it-testment fejn jitlob maħfra ta' dnubietu, jitlob l-interċessjoni tal-Madonna u l-qaddisin protetturi tiegħu u fl-aħħarnett, jagħmel disposizzjonijiet hekk imsejħa *pro anima*. F'hiex kienu jikkonsistu dawn id-disposizzjonijiet: fondazzjoni ta' quddies u suffraġji, għotjiet lill-fqar; għotjiet għat-tiżjin tal-knejjes u għall-eżercizzju tal-kult divin, u anke legati taż-żwieġ. Għal dan il-fini it-testatur, kien iħalli renti fuq propjetà, jew inkella propjetà franka jew b'enfitewsi sabiex tiġi użata għall-iskop piju li jkun iddestina l-benefattur. Wara li jordna xi disposizzjonijiet favur il-familja tiegħu, ġeneralment it-testment kien jagħlaq b'disposizzjonijiet dwar il-funeral u d-difna tiegħu.

Niġu issa għall-fratellanza tal-Immakulata imwaqqfa fil-Knisja ta' San Franġisk tar-Rabat, Għawdex fid-19 ta' Jannar, 1663.[3] Dan ifisser li twaqqfet 26 sena wara dik imwaqqfa fil-kunvent tal-Belt Valletta. [4]Irridu ngħidu li d-dokument oriġinali tat-twaqqif tal-fratellanza ma wasalx għandna. Ghalkemm jeżisti kuntratt fl-atti tan-Nutar Luigi Del Re tas-17 ta' Lulju 1655 dwar it-twaqqiegħ u l-bini mill-ġdid ta' din il-Knisja, ir-rikors u d-degriet tat-twaqqif tal-fratellanza ma' jirriżultax fir-*Registrum Edictorum* tal-Isqof Balaguer Camarasa li huwa konservat fil-Kurja Arciveskovili, il-Furjana. Irridu ngħidu li kien biss wara l-Konċilju ta' Trentu li l-Knisja bdiet taħseb sabiex tirregola lil dawn il-fratellanzi.[5] Fis-sessjoni 22 tal-Konċilju tas-sena 1562 ġie stabbilit li l-Isqof kellu s-setgħa li jagħmel il-vista fil-propjetajiet kollha tal-enti reliġjużi, inklużi l-fratellanzi, u li dawn tal-aħħar kellhom jagħtu rendikont annwali tal-operat, id-dħul u l-ħruġ tagħhom lill-Isqof.[6] Żgur li l-fratellanza tal-Immakulata eretta f'din il-Knisja baqgħet bla statuti sas-sena 1760 meta waqt il-vista pastorali tal-Isqof Bartolome Rull[7] ġew addottati l-istess statuti tal-konfraternità tal-Immakulata tal-Belt Valletta miktuba mill-Patri Cagiola.

Huwa interessanti li għalkemm mingħajr statuti, l-istess fratellanza kienet kif jgħidu ħajja u vegeta. Dan għaliex hija bbenefikat minn laxxitu importanti minn Għawdxi benestant Angelino Spiteri, b'żewġ testmenti magħmula fl-atti tan-Nutar Giovanni Andrea Madiona tat-9 t'April, 1668 u tas-17 t'April, 1668,[8] jiġifieri ħames snin biss wara t-twaqqif. Minn kien dan Angelino Spiteri? Mit-testment innifsu ma rnwexxielna insibu xejn dwaru. Kien Għawdxi, missieru kien jismu Paschalis, kien jgħix ir-Rabat izda kellu kuntatti ma' Malta ukoll għaliex ħalla legati lill-Monasteru ta' Santa Skolastika. Kellu wkoll propjetà l-Imqabba, Malta u fit-testmenti ħalla legati lill-fratellanzi tas-Sagrament u tar-Ruzarju tal-Imqabba.[9] X'aktarx għalhekk li kien negozjant jew benestant ta' estrazzjoni Maltija li spiċċa, għal xi raġuni f'Għawdex, fejn ukoll kellu propjetà konsiderevoli. Skont in-Nutar Madiona, meta Angelino għamel it-testmenti, huwa, Spiteri kien luċidu u f'sensieh iżda kien mixħut marid fis-sodda. Ma nafux kemm kellu żmien u jekk mietx xi ftit wara. Ma rnexxilix insib la r-reġistrazzjoni tat-twelid u lanqas ir-reġistrazzjoni tal-mewt tiegħu fir-Reġistri parrokkjali tar-Rabat u lanqas f'Ġuljana antika. Mir-Reġistru Parrokkjali tar-Rabat tas-snin 1554-1628 tidher reġistrazzjoni tal-*istatus animarum* fejn certu Paschalis Spiteri miżżewweġ lil Petrutia jidher li kellu ħamest ulied iżda minn dawn l-ebda wieħed ma' jidher li kien jismu Anġelino. Għalhekk jista' jkun li dan huwa xi Paschalis Spiteri ieħor, jew inkella jista' jkun ukoll, ħaġa pjuttost komuni, li Angelino kien juża isem differenti minn dak imniżżel fir-Reġistru Parrokkjali, liema isem seta' kien it-tieni isem ufficjali tiegħu. Mit-tieni testment, insibu li Angelino kellu żewġ ħutu oħra, li ġew nominati werrieta fit-testment. Dawn kienu Joanne Spiteri u Catherarinella mart Andrea Zammit. Imkien ma' jissemmew martu u uliedu, u għalhekk nissoponu li kien għażeb.

Irridu niftakru li r-reġistri parrokkjali bdew jinżammu b'ordni tal-Konċilju ta' Trentu li semmejna qabel, izda għalkemm kienu għaddew mitt sena mill-Konċilju, vista pastorali waħda wara l-oħra baqgħet tinsisti li d-disposizzjonijiet tal-Konċilju ma kinux qegħdin jiġu osservati skrupolożament. Għalhekk ir-reġistrazzjoni tal-mewt ta' Angelino jew inqabżet, jew inkella tinsab reġistrata band'oħra, f'lok li għadu ma nstabx.

It-testmenti ta' Angelino saru f'Għawdex, ir-Rabat, fid-dar tat-testatur, *in Rabbato Insula Gaudisii, et in domo eiusdem testatoris solitu habitationis ubi infirmus iacet.*[10] Kif kienet l-użanza dak iż-żmien, kien ikun hemm iktar minn żewġ xhieda. Interessanti l-fatt li wieħed mix-xhieda fl-aħħar testment, dak tas-17 t'April 1668 kien Dun Mariano Puglisi,[11] kappillan tal-parroċċa ta' San Ġorġ bejn is-snin 1667 u 1672 u li fis-sena 1667 kien ġie maħtur provigarju ta' Għawdex.[12]

Fit-testment tiegħu huwa jistqarr li huwa kien ser jordna d-disposizzjonijiet testamentarji tiegħu b'ħajr u gratitudini lil Alla l-Imbierek u għax kien jemmen li la l-ilma u lanqas in-nar ma' kienu ser iħassru ħtijietu iżda biss l-opri tal-karità setgħu jagħmlu biss dan. Konxju li ż-żmien għat-tluq minn din l-art wasal, konxju mill-fragilità tiegħu bħala bniedem u bezgħan mill-ġudizzju tal-Ħallieq ried jordna dawn id-disposizzjonijiet għas-salvazzjoni ta' ruħu. Fit-testment, Angelino ħalla li jindifen f'din il-Knisja, ħalla diversi obbligi ta' quddies, u kif għidna ħalla wkoll diversi legati kemm lil niesu u kemm lil entitajiet reliġjużi. Ħalla ukoll, kif kienet l-użanza dak iż-żmien *tari* lill-Gran Mastru, lill-Isqof u lill-kappillan tiegħu – l-hekk imsejjaħ legat *pro iure recognitionis*.[13]

Qabel ma' nkomplu naraw x'ordna Angelino Spiteri fit-testment tiegħu ngħidu kelma biss fuq il-legati taż-żwieġ f'pajjiżna. Il-missier tat-tfajla li ser tiżżewweġ kellu obbligu li jipprovdilha dota. Dan l-obbligu tneħħa mil-liġi tagħna proprju ftit snin ilu, fl-1993.[14] F'Għawdex kien hemm diversi persuni li iddonaw flus jew propjetà f'ħajjithom jew ħallew flus jew propjetà wara mewthom sabiex jitwaqqfu legati ta' dota lil tfajliet foqra. Insibu per eżempju li l-Universitas ta' Għawdex waqqfet legat taż-żwieġ imsejjaħ *Ta' Santa Marija* bħala wegħda wara li Għawdex skansa l-invażjoni tat-Torok fl-1565 waqt l-Assedju l-Kbir.[15] Legat ieħor twaqqaf b'sottoskrizzjoni pubblika mill-istess Universitas qabel is-sena 1595.[16] Negozjant Għawdxi, Salvatore Refalo waqqaf legat ieħor taż-żwieġ fil-21 ta' Novembru, 1615.[17] Mill-Ordinanza dwar il-Legati taż-Żwieġ ta' Għawdex (Amministrazzjoni u Għażla), nisiltu ismijiet oħra ta' fundaturi ta' legati taż-żwieġ: Domenica Vassallo, Angelo Fantoni, Perna Critelli u Giovanni Pace.[18]

Irridu ngħidu li dawn il-legati kienu spiss dik li tissejjaħ *bone of contention* bejn il-Gvern Imperjali Ingliż u l-Knisja Maltija. Tradizzjonalment dawn dejjem kienu amministrati esklussivament mill-awtoritajiet tal-Knisja f'Malta. Meta ġew aboliti l-effetti civili tas-sentenzi tal-Qrati Ekkleżjastiċi l-frizzjoni bejn iż-żewġ partijiet żdiedet sew.[19] Sa' mis-sena 1831, bil-Proklama numru VIII tas-sena 1831,[20] l-Aġent Logutenant Gvernatur ordna li l-amministrazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ kellha tibqa' f'idejn l-Arċisqof ta' Malta, iżda l-Kap tal-Gvern kellu s-setgħa li jinnomina d-deputati tal-bord tal-għażla flimkien mal-Arċisqof jew il-Vigarju Kapitulari. Ġew stabbiliti ukoll normi dwar il-pubbliċità tat-tnedijiet tal-għażla u affarijiet oħra. Wara li Għawdex sar Djoċesi fl-1864, in-normi saru applikabbli għall-Isqof t'Għawdex ukoll bl-Ordinanza VIII tal-1865.[21] Skont l-ordinanza XXXVIII tal-1940, imbagħad l-amministrazzjoni tal-legati taż-żwieġ f'Għawdex tħalliet f'idejn uffiċjal pubbliku magħżul mill-Prim Ministru. L-elezzjoni għal dawn il-legati tħalliet f'idejn bord ippresedut mill-Isqof ta' Għawdex u li fih hemm bħala membri l-Kumissarji għall-Karità f'Għawdex u rappreżentant tal-Isqof t'Għawdex.[22]

Il-legat taż-żwieġ imwaqqaf minn Angelino Spiteri ma' kienx soġġett għall-ġurisdizzjoni tal-Isqof Djoċesan, iżda kien amministrat totalment mill-fratellanza imsemmija imlaqqa' f'seduta straordinarja imsejħa mir-rettur. It-tfajla kellha tkun Għawdxija, kellha tkun ser tiżżewweġ għall-ewwel darba, kellu jkollha l-età preskritta mil-liġi Kanonika u tkun fqira. Irridu ngħidu li regoli simili insibuhom f'disposizzjonijiet testamentarji anke fl-Italja.[23] It-testatur impona anke l-mod tal-għazla. Il-fratelli kellhom jiktbu isem it-tfajla magħzula fuq bicca karta u imbagħad l-isem kellu jittella' bix-xorti nhar it-8 ta' Diċembru, wara l-għasar.[24] Il-patri Gwardjan tal-kunvent jew is-sostitut tiegħu kellhom id-dritt tal-vot. [25]Iż-żwieġ imbaghad kellu jiġi iċċelebrat fit-tieni Ħadd ta' Ġunju, u għalhekk qrib il-festa ta' Sant'Antnin, festa oħra importanti iċċelebrata sa mill-qedem f'din il-Knisja. Jekk imbagħad iż-żwieġ jitħassar, il-flus kellhom jew imorru għall-quddies, jew inkella għand il-Monasteru ta' Santa Skolastika, tal-Birgu. Hekk minn *dota di maritaggio*, dota taż-żwieġ id-dota kienet tiġi trasformata f'*dota di monacando*, dota sabiex tfajla tidħol f'kunvent tas-sorijiet. Ir-raba' *ta' Bardan*, fil-limiti ta' Sannat, Għawdex, tħalla proprju għal dan il-għan u kien jirrendi madwar 14-il uqija. Maż-żmien, bl-isvalutar tal-munita din is-somma ġiet irrisorja u d-dħul annwali li ġie jammonta għal kważi żewġ liri Maltin [26] ma baqax jippermetti li tingħata din id-dota.[27]

Dan il-metodu ta' elezzjoni permezz ta' poloz tal-karti żgur li ma' baqax jintuża wara s-sena 1879. Dan għaliex fil-kunvent ta' San Franġisk, għadna insibu sallum urna bil-buċetti suwed u kannella li saret speċifikament għall-għażla tax-xebba li ser tibbenefika mil-legat taż-żwieġ imwaqqaf minn Angelino Spiteri. Fuq l-għatu tal-kaxxa hemm miktub *Cassa Estrazioni Legato A. Spiteri 1879*. Jista' jkun li fi żmenijiet fejn xi wħud mill-fratelli



setgħu kienu illitterati setgħu saru xi abbuzi fuq il-karti tal-poloz. Għalhekk jista' jkun li gie deċiż li l-metodu tal-buċċetti kien aktar ċar u skont il-ħaqq.[28]

Minn dak li għidna naraw li sa mit-twaqqif tagħha, 350 sena ilu din il-fratellanza kienet impenjata fil-kamp soċjali f'Għawdex, u mhux biss grazzi għall-kariżma Franġiskana tal-irħieb li ospitawha fil-kunvent u l-knisja tagħhom iżda wkoll grazzi għal bosta benefatturi u patrijotti Għawdxin, ewlieni fosthom Angelino Spiteri.[29]

---

1 R. Del Prete, 'Legati, patronati e maritaggi del Conservatorio della Pieta' dei Turchini di Napoli in età moderna', f'*Rivista di Storia Finanziaria*, Napoli, Lulgio-Dicembre 2001, 7.

2 Ibid. 12

3 NLM Lib MS 179, 131. A. Ferres, *Descrizione Storica delle Chiese di Malta* (Malta, ...). Dan jagħmel din il-fratellanza waħda mill-eqdem f'Għawdex, wara dik tas-Sagrament imwaqqfa fil-Matrici fil-1575. Warajha insibu dik ta' San Mikiel, imwaqqfa f'San Gorg fl-1688.K. Ellul Galea, *Fratellanzi u Xirkiet tas-Snajja'*, Malta1981, 76-77.

4 J. Calleja, *Devozzjoni u Kultura*, Malta, 1999, 37. Il-fratellanza tal-Belt Valletta twaqqfet fil-21 ta' Gunju, 1637.

5 C.F. Black, (Trad. A. Fare'), *Le Confraternite Italiane del Cinquecento*, Rizzoli, Milano, 1992, 88-89.

6 H. J. Schroeder, *Canons and Decrees of the Council of Trent*, Illinois, Tan Books, 1978, 156-7.

7 Isqof bejn is-snin 1757 u 1769.

8 ANotV R.321, 9-4-1668 u 17-4-1668.

9 9-4-1668 f.487r.

10 9-4-1668 f.487r. u 17-4-1668 f.503v.

11 17-4-1668 f.503v.

12 J. Bezzina, *Siltiet mill-Ġrajjiet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ 1500-1964*, Għawdex, n.d., 6.

13 17-4-1668 f.501r.

14 Att Numru XXX tal-1993.

15 NAG, UG, 01/14, 10-r-v. ikkowtat f'J. Bezzina, *Engagements and Weddings in Gozo Past. Deposits at the Natioanl Archives. Exhibition Catalogue*, Għawdex, 2013, 11-12.

16 NAG, UG, 01/02, 231v. Ibid. 13-14.

17 NAV R.444/06. Ibid. 15.

18 Kap. 109 tal-Liġijiet ta' Malta. Ara ukoll Kap. 3. Liġi dwar il-Legati taż-Żwieġ.

19 H.W. Harding, *Maltese Legal History Under British Rule*, Malta, 1980, 251-55.

20 Illum inkorporata fil-Kap. 3 tal-Liġijiet ta' Malta

21 Illum Kap. 15 tal-Liġijiet ta' Malta

22 Illum Kap. 109 tal-Liġijiet ta' Malta.

23 Black, 238.

24 Ara polza tal-għazla NAG, UG 01/14 bejn 9v u 10r . J. Bezzina, 12.

25 B. Fiorini, 'I Francescani Al Gozo' Estratt minn *Melita Historica*, Vol. 3, No. 4 (1963), 9.

26 A. Bonnici, 'Mary Immaculate in the Churches of the Franciscans Minor Conventual in the XVII and XVIII centuries', f'V. Borg (Ed.,), *Marian Devotions in the Islands of Saint Paul (1600-1800)*, Malta, Malta Historical Society, 1983, 277.

27 A. Bonnici, *Il-Franġiskani Konventwali f'Malta u Għawdex*, Reliġjon u Ħajja, Malta, 2005, 269.

28 P.G. Pisani, 'Il-Legati taż-Żwieġ tal-Fratellanzi', f'*L-Immakulata*, Għawdex, 1995, 29.


Wasalt biex tagħmel it-twieqi u l-bibien tal-Aluminium?

Mela irrikorri għand

Zammit Aluminum Ltd

Private Alley, Fountain Street, Victoria Gozo.

Nagħmlu SLIDING DOORS, LOUVERS,
WINDOW SHUTTER, RAILINGS,GATES, GALVANISED
GARAGE SHUTTER, AQUARIUMS, ETC.

Tel: 21554058